**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**SEDE SUPERJURI**

**Onor. Prim Imħallef Dr. Mark Chetcuti LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr. Joseph R. Micallef LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Att tal-Akkuża numru 14/2015**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Brian Godfrey Bartolo**

Illum 22 ta' Settembru 2021

Il-Qorti;

**1**. Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fil-31 ta' Awwissu 2015, kontra Brian Godfrey Bartolo li bis-saħħa tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkużah talli:

> **i.** Reċidiv f'delitt, irrenda ruħu ħati talli fl-4 ta' Lulju 2009 u matul il-jiem, ġimgħat u x-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorità apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew awtoriżżazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-

dispożizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura d-droga msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga; u talab illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Brian Godfrey Bartolo u li jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa' u għoxrin euro u seba' u tletin ċenteżmi (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija u tmienja u sittin euro u seba' u sittin ċenteżmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u tar-regoli 2, 4(a), 10, 15 u 116 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, 49, 50, 51 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**ii.** Reċidiv f'delitt, irrenda ruħu ħati talli nhar l-4 ta' Lulju 2009 u matul il-jiem, ġimgħat u x-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer kien fil-pussess xjenti tad-droga perikoluża Kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V u VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizżat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli imsemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklużiv tiegħu; u talab illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin Ewro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7) 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 2, 4(a), 9 u 16 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, 49, 50, 51 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**iii**. Reċidiv f'delitt, irrenda ruħu ħati talli nhar l-4 ta' Lulju 2009 u matul il-jiem, ġimgħat u x-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer huwa ipproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża mingħajr ma kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa Pubblika u mingħajr ma kien awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorità apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga imsemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess t'awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizżazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura d-droga imsemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga; U għalhekk talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat, Brian Godfrey Bartolo, u li jiġi ikkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa' u għoxrin Euro u seba' u tletin ċenteżmi (Eur. 2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf erba' mija u tmienja u sittin Euro u seba' u sittin ċenteżmi (Eur. 116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(b), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)92)(a)(i)(3A)9a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u tar-regoli 2,4(a),10,15 u 16 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [NG 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 17,23,23A,23B,23C,31,49,50, 51 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**iv**. Reċidiv f'delitt, irrenda ruħu ħati talli nhar l-4 ta' Lulju 2009 u matul il-jiem, ġimgħat u x-xhur ta' qabel din id-data, b'dawn il-Gżejjer kien fil-pussess xjenti tad-droga raża meħuda mill-pjanta Cannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizżat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklużiv tiegħu u għalhekk talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u li jiġi ikkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa' u għoxrin euro u seba' u tletin ċenteżmi (Eur. 2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija u tmienja u sittin euro u seba' u sittin ċenteżmi (Eur. 116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta'

Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(b)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regolamenti 2,9 u 16 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi [NG 292 tal-1939] , u fl-artikoli 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista'' skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**v**. Reċidiv f'delitt, talli nhar l-4 ta' Lulju 2009 u fil-jiem u ġimgħat preċedenti kien fil-pussess xjenti tad-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu; u għalhekk jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi ikkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar u mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (Eur. 465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (Eur. 23,293.73) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta kull flejjes jew propjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 24A u 26 talOrdinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-regoli 2,9 u 16 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta' l- 1939) u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, 49, 50, 51 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**2**. Rat is-sentenza mogħtija mil-Qorti Kriminali fl-01 ta' Frar 2021, li bis-saħħa tagħha wara li l-akkużat Brian Godfrey Bartolo irreġistra ammissjoni, l-Qorti sabitu reċidiv u ħati għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu fl-Att ta'l-Akkuża, u wara li rat l-artikoli 2, 8(b), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), u 29 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, ir-regoli 2, 4(a), 10, 15 u 16 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (NG 292 tal-1939) u l-artikoli 17, 18, 49, 50 tal-Kodiċi Kriminali kkundannatu għal-terminu ta' priġunerija għall-ħames (5) snin

oltre għal-ħlas ta' multa ta' għoxrin elf ewro (€20,000). Ordnat ukoll lill-ħati li jħallas l-ammont ta' €1947.36 inkorsi fil-ħatra tal-esperti [konsistenti relazzjoni Mario Mifsud €711.07, relazzjoni PC 1528 €101.32, relazzjoni ta' PC 1253 Brincat €119.89 u relazzjoni ta' Joseph Mallia €1,015.08], u dan fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali. Ordnat l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli jew immobbli oħra tiegħu.

**3**. Rat ir-rikors tal-appell ta' Brian Godfrey Bartolo, ppreżentat fis-16 ta' Frar 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

> i. tgħaddi sabiex tgħaqqad l-Att ta' Akkuża odjern ma'l-Att ta' Akkuża numru 15/2015; u
>
> ii. tikkonferma l-ħtija tal-imputazzjonijiet kollha; u
>
> iii. li tvarja l-piena inflitta, billi timponi piena aktar ekwa u ġusta skond il-liġi; u
>
> iv. liema varjazzjoni tal-piena qiegħda tintalab anke fl-eventwalita' li l-Att ta' Akkuża odjern ma jingħaqadx ma'l-Att ta' Akkuża numru 15/2015.

**4**. Rat illi l-aggravji tal-appellant Brian Godfrey Bartolo.

**5**. Rat ir-risposta imressqa mill-Avukat Ġenerali fis-26 ta' Mejju 2021 fejn oġġezzjona għat-talbiet imressqa mill-appellant fir-rikors tiegħu u għalhekk talab sabiex dawn jiġu miċħuda.

**6.** Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ġunju 2021, fejn il-Qorti ħalliet l-appell għas-sentenza limitatament fuq l-ewwel aggravju miġjub 'il quddiem mill-appellant.

**7**. Rat l-atti kollha tal-kawża.

**8**. Semgħet trattazzjoni limitatament fuq l-ewwel aggravju.

**Ikkunsidrat:**

**9**. Illi għalkemm dan l-appell jirrigwarda limitatament il-piena erogata mill-Qorti Kriminali fil-konfront ta' Brian Godfrey Bartolo, u dan wara li hu rreġistra ammissjoni għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu, madanakollu l-appellant isejjes l-ilment tiegħu, b'mod ewlieni, fuq nuqqas mill-Qorti Kriminali li tgħaqqad flimkien l-Att ta' Akkuża odjern mal-Att t'Akkuża li iġib in-numru 15/2015, it-tnejn deċiżi kontestwalment fl-istess jum. Dan għaliex jidhirlu illi ġaladarba l-akkużi fiż-żewġ ġurijiet kienu dwar reati li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula bl-istess riżoluzzjoni kriminuza, allura, fil-fehma tiegħu, huwa kellu jibbenefika mir-riduzzjoni fil-piena kif maħsub fl-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant għalhekk issa qed idur fuq din il-Qorti u jitlobha tagħmel dak li, fil-fehma tiegħu, kellha tagħmel il-Qorti Kriminali u dan sabiex jiġi kkundannat għal piena waħda miżjuda bi grad jew tnejn kif hemm maħsub fil-liġi fl-istitut legali tar-reat kontinwat, imwaqqaf fil-Kodiċi Kriminali fl-artikolu 18 tiegħu.

**10**. L-appellant jinvoka favur tiegħu dak dispost fl-artikolu 595 tal-Kodiċi Kriminali fejn hemm hekk dispost:

> **Fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 591 u 593, jekk żewġ atti ta' akkuża jew iżjed jiġu ppreżentati fl-istess żmien jew fi żminijiet diversi, il-qorti tista', fuq talba tal-Avukat Ġenerali, tordna li huma jiġu magħqudin biex jiġu iġġudikati flimkien.**

Illi minn qari ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi jemerġu żewġ kundizzjonijiet għalbiex żewġ atti t'akkuża jiġu magħquda flimkien u ċioe', fl-ewwel lok trid issir talba għaldaqstant mill-Avukat Ġenerali u fit-tieni lok dan jista' jsir fil-każijiet indikati fl-artikoli 591 u 593 tal-Kodiċi Kriminali. Illi dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi jikkontemplaw diversi sitwazzjonijiet fejn l-Avukat Ġenerali jista' joħroġ Att ta' Akkuża wieħed meta ir-reati għal xi raġuni huma konnessi, jew għalkemm mhux konnessi, iżda kommessi mill-istess persuna:

> **591. Akkużi kontra żewġ persuni jew aktar bħala awturi jew kompliċi fl-istess reat, jew bħala ħatjin ta' reati diversi li jkollhom konnessjoni bejniethom, jistgħu jinġiebu f'att ta' akkuża wieħed u iġġudikati kollha fl-istess kawża, għalkemm xi wieħed minn dawn ir-reati jkun ta' kompetenza inferjuri.**
>
> **592. Ir-reati huma konnessi –**

**(a) meta jsiru fi żmien wieħed minn żewġ persuni jew aktar miġburin flimkien;**

**(b) meta jsiru fi żminijiet u postijiet diversi u minn persuni diversi wara ftehim li jkun sar bejniethom minn qabel;**

**(ċ) meta reat isir biex iservi ta' mezz għal reat ieħor;**

**(d) meta reat isir biex jiffaċilita l-esekuzzjoni jew il-konsumazzjoni ta' reat ieħor, jew biex jiżgura lill-ħati l-impunità dwar reat ieħor.**

**593.(1) Żewġ reati jew aktar magħmulin minn persuna waħda, għalkemm mhux konnessi bejniethom, jistgħu jinġiebu f'att ta'akkuża wieħed u jiġu iġġudikati fl-istess kawża, għad li xi wieħed minn dawn ir-reati jkun ta' kompetenza inferjuri;**

**11**. Illi spjanati dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw l-Att ta'l-Akkuża għandu jemerġi illi l-leġislatur ried jagħti din il-prerogattiva unikament lill-Avukat Ġenerali bil-kelma "jistgħu" fl-artikolu 593 tal-Kodiċi Kriminali, li għalih issir referenza fl-artikolu 595, tagħtih il-libertà insindikabbli li jagħmel Att ta' Akkuża uniku, jew tnejn separati fl-istadju inizjali wara l-egħluq tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja, u li allura **huwa biss** l-Avukat Ġenerali li għandu l-fakultà jagħżel it-triq waħda jew l-oħra[1]. Illi imbagħad wara l-preżentata ta'l-Att ta'l-Akkuża, huwa ukoll l-Avukat Ġenerali li jista' jagħmel it-talba biex igħaqqad żewġ Atti t'Akkuża flimkien, bil-Qorti tista tilqa' jew tiċħad din it-talba. Illi ġie deċiż:

> **"It-talba ghar-rijunjoni tal-processi ma tistax issir mill-akkuzat; u lanqas tista` l-Qorti tadotta "marte propio". L-inizjativa fil-materja jista` biss jehodha l-Attorney General; u l-Qorti tista` biss takkorda jew tichad ir-rijunjoni, dejjem jekk ikun talabha l-Attorney General. Apparti dan l-ostakolu insuperabili, f'dak l-istadju preliminari l-Qorti ma tistax tirritjeni li hemm il-kontinwita`, peress li din tissupponi elementi ta`fatt li fuqhom ghandhom jiggudikaw esklusivament il-gurati.[2]"**

Mhux biss iżda lanqas ma għandha is-setgħa din il-Qorti ta' revizjoni, kif kolleġjalment komposta, tagħmel dak mitlub mill-appellant, kif lanqas ma jista' l-Avukat Ġenerali iressaq din it-talba issa f'dan l-istadju inoltrat tal-proċeduri.

**12**. Illi:

[1] Qorti Kriminali fis-17 ta` Ottubru 1946 fil-kaz Il-Maesta` Tieghu r-Re vs Joseph Vella et

[2] Qorti Kriminali Il-Maesta' Tiegħu ir-Re vs Joseph Mifsud et., deċiża 31/05/1949 – Vol.33F, Part 4, page 567.

**"l-ordinament tal-procedimenti legali jemana biss u esklussivament mil-ligi kif mdawwla bl-interpretazzjoni taghha mill-qrati li ghandhom il-funzjoni li jaghtu t-tifsira awtentika tal-ligijiet tal-pajjiz. Hija wkoll il-ligi li tippreskrivi l-parametri tal-kompetenza ta' kull qorti u ebda qorti ma tista' tohrog 'il barra minn dawk il-parametri ghaliex anki l-qrati huma soggetti ghall-ligi. Ghalhekk, jekk il-ligi ma taghtix dritt ta' appell minn xi decizjoni ta' xi qorti jkun isegwi li dak id-dritt ta' appell ma jkunx jezisti skont il-ligi.[3]"**

Illi il-persuna kkundannata għandha fit-termini tal-liġi il-jedd għall-appell quddiem din il-Qorti kemm kontra d-dikjarazzjoni ta' ħtija, kif ukoll kontra s-sentenza u cioe' l-piena erogata konsegwenzjali għal dik id-dikjarazzjoni ta' ħtija. L-artikolu 501 tal-Kodiċi Kriminali jfisser is-setgħat li biha hija mogħnija din il-Qorti f'dawn iż-żewġ istanzi bis-sub-inċiż (1) jiddisponi illi fuq dikjarazzjoni ta' ħtija il-Qorti għandha:

**tilqa' l-appell -**
**(a) jekk jidhrilha li l-appellant kien ġie misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-kawża; jew**
**(b) jekk jidhrilha li kien hemm irregolarità matul il-kawża, jew kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni żbaljata tal-liġi, li seta' kellha influwenza fuq il-verdett:**
**Iżda l-qorti tista', minkejja li tkun tal-fehma illi l-punt imqajjem fl-appell skont il-paragrafu (b) jista' jkun deċiż favur l-appellant, tiċħad l-appell jekk tqis illi ma saret ebda amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja.**

U fir-rigward ta' appell mis-sentenza is-sub-inċiz (3) jiddisponi:

**"Fuq appell kontra sentenza mill-persuna misjuba ħatja, il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha, jekk jidhrilha li missha ngħatat sentenza differenti, tħassar is-sentenza mogħtija fil-kawża, u tagħti dik is-sentenza l-oħra ġustifikata bil-liġi mill-verdett (li ma tkunx sentenza aktar gravi) minflok l-oħra kif jidhrilha li missha ngħatat, u f'kull każ ieħor għandha tiċħad l-appell."**

**13**. Illi huwa evidenti li s-setgħat ta` din il-Qorti huma limitati meta jsir appell mill-persuna misjuba ħatja. Ma jidhirx illi din il-Qorti, fil-kompetenza superjuri tagħha, hija mogħnija bis-setgħa la li tordna li żewġ Atti t' Akkuża jingħaqdu

[3] Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler deciza 26/02/2009 App.Sup.

flimkien, kif qed jitlob l-appellant, u wisq anqas li tannulla l-proċeduri u tibgħat lura l-atti quddiem il-Qorti Kriminali sabiex l-Avukat Ġenerali jipproċedi bil-ħruġ ta' Att t'Akkuża ġdid u uniku, billi ma hemmx dik in-nullita' ravviżata fil-liġi.

> **"L-eccezzjoni sollevata mid-difiza fis-sens illi l-process huwa konness ma` process iehor kontra l-istess akkuzat, u illi ghalhekk iz-zewg processi ghandhom ikunu rijuniti u ghandha ssir it-trattazzjoni kontestwali taghhom, hija ta` kompetenza tal-Qorti komposta mill-Imhallef ordinarju taghha, u mhux ta` l-istess Qorti kollegjament komposta, avvolja dik l-eccezzjoni tigi moghtija fl-istadju preliminari tal-kawza; ghaliex dik l-eccezzjoni mhix wahda minn dawk eccezzjonijiet preliminari li l-ligi tirrimetti ghat-tribunal kollegjali. Dik l-eccezzjoni ma tistax tigi kunsidrata bhala li timporta difett fl-att ta`l-akkuza; ghaliex biex eccezzjoni tkun ritenuta tali hemm bzonnn li, jekk tkun fondata, iggib bhala konsegwenza n-nullita` ta` l-att ta` l-akkuza.[4]"**

Issa fil-każ odjern ma jidhirx illi l-appellant qiegħed jikkontesta d-dikjarazzjoni ta' ħtija fid-decizjoni impunjata billi din kienet konsegwenzjali għall-ammissjoni tiegħu. Dak li jrid l-appellant huwa r-rijunjoni taż-żewġ Atti t'Akkuża maħruġa fil-konfront tieghu, setgħa li, kif ingħad, la kellha il-Qorti Kriminali fl-assenza ta' talba għaldaqstant mill-Avukat Ġenerali, u inqas u inqas għandha din il-Qorti ta' revizjoni bis-setgħat tagħha ċirkoskritti fil-liġi, kif hawn fuq imfisser.

**14**. Illi minn eżami tal-atti proċesswali, kemm dawk li jikkonċernaw dan l-appell, kif ukoll l-atti ta'l-Att ta'l-Akkuża bin-numru 15 tal-2015, jemerġi illi l-akkużi fl-appell odjern jirreferu għal reati dwar traffikar u pussess aggravat tad-droga kokajina fil-perijodu tal-04 ta' Lulju 2009 u matul il-jiem, gimgħat u xhur qabel din id-data, għal liema reati l-appellant irreġistra ammissjoni u dwarhom ġie misjub ħati. Illi imbagħad fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 15 tal-2015, l-appellant ġie mixli u misjub ħati, ukoll fuq ammissjoni tiegħu stess, bir-reati ta' traffikar u pussess aggravat tar-raża tal-*cannabis* liema reati seħħew fil-25 ta' Jannar 2011 u matul il-jiem, ġimgħat u xhur qabel din id-data. Dan ifisser illi r-reati li dwarhom l-appellant ġie mixli f'dawn iż-żewg Atti t'Akkuża jirreferu għal perijodi differenti ta' żmien u għal traffikar u pussess aggravat ta' sustanzi illeċiti differenti fl-għamla u l-kwalita' tagħhom.

---

[4] *Ibid* 2.

**15**. Issa mhux ikkontestat illi ebda talba ma saret mill-Avukat Ġenerali quddiem il-Qorti Kriminali sabiex jingħaqdu ż-żewġ Atti t'Akkuża flimkien. L-appellant rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni, fejn allura kellu jwieġeb għal diversi akkużi miġjuba kontra tieghu f'żewġ Atti t'Akkuża separatament, debitament u abbilment assistit mid-difensur tiegħu, xortawaħda għazel li jirreġistra ammissjoni b'mod inkondizzjonat fiż-żewġ każijiet biex b'hekk jafda fid-diskrezzjoni tal-Qorti, sabiex wara li tisma' s-sottomissjonijiet u l-provi kollha marbuta mal-piena, teroga dik il-piena ġusta u ewka fiċ-ċirkostanzi tal-kaz. Illi "**min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruhu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha**.[5]" In oltre l-ġurisprudenza tagħna wkoll tindika li m'hemm assolutament l-ebda garanzija jew obbligu fuq l-awtorita' ġudikanti li teroga piena mnaqqsa għas-sempliċi fatt li l-gudikabbli jkun ammetta, dment dejjem li l-piena mposta tkun, kif ingħad, fil-parametri tal-liġi.[6]

**16**. Illi l-appellant fit-trattazzjoni orali quddiem il-Qorti Kriminali jilmenta mill-fatt illi l-Avukat Ġenerali għogbu ma jeżerċitax id-diskrezzjoni mogħtija lilu bil-liġi illi jgħaqqad ir-reati li dwarhom l-appellant ġie mixli f' Att ta' Akkuża uniku, fejn allura kien japplika favur tiegħu dak imfassal fl-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward tal-piena erogabbli, madanakollu, kif ingħad, xortawaħda, debitament assistit mid-difensur tiegħu, għoġbu jinsisti fuq l-ammissjoni tiegħu fiż-żewġ każijiet, iżda talab lill-Qorti Kriminali tieħu dan il-fattur in konsiderazzjoni meta tiġi biex tqis il-piena li għandha tiġi inflitta.

**17**. Illi l-effetti tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali ġew sewwa imfissra fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, fis-sede inferjuri tagħha, tad-29 ta' Ottubru, 2018 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs *Omissis*" (Appell Numru 360/2015) fejn intqal hekk:

---

[5] Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Zerafa et – App. Sup. 15.12.2015

[6] Ara fost oħrajn Pulizija vs Omissis deċiż fit-23.01.13 mill-Imħallef David Scicluna, Pulizija vs Ryan Dimecch deċiż nhar l-4.11.2004, mill-Imħallef Joe Galea Debono, Pulizija vs Emanuel Magro deċiża nhar it-2.6.2004, mill-Imħallef David Scicluna, Pulizija vs Joseph Scerri deċiża nhar it-12.5.04 deċiża mill-Imħallef David Scicluna, Pulizija vs Salah Aldin M.m.bin Abdo Alslam deċiż nhar il-5.12.03 mill-Imħallef VincentDegaetano, Pulizija vs Massimiliano Maurizio deċiż nhar it-13.11.03 mill-Imħallef Joe Galea Debono, Pulizja vs. Jeremy James Farrugia, deċiż nhar l-14.10.03 mill-Imħallef Joe Galea Debono, Pulizija vs Mark Mifsud deċiż nhar is-6.12.02 mill-Imħallef Vincent Degaetano, Pulizija vs Carmel Zammit sive Charles deċiża nhar id-29.07.2002, Pulizija vs Emanuel Testa deċiża nhar is-17.7.02 mill-Imħallef Vincent Degaetano, Pulizija vs Joseph Attard deċiż nhar is-26.01.01 mill-Imħallef Patrick Vella, ilkoll deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri.

**"7. The Continuous Crime under Article 18 of the Criminal Code is said to have been drafted for the benefit of the accused in that a person will answer to one crime rather than a multiplicity of crimes where they are made with the same purpose and are in breach of the same provision of law. Answering for all crimes as one crime means that the accused is given the punishment for one of the crimes and not for each individual crimes but increased by one or two degrees according to the Court's discretion. Reference is made to Lectures in Criminal Law by Prof. Anthony J Mamo – Old University at pp 179 et seq. accurately tracing the origins of this article and citing eminent authors such as Carrara, Maino, Impallomeni, Crivellari and others. Indeed, Francesco Antolisei in his works Manuale di Diritto Penali (Parte Generale -1994 a pg 478 et seq. states:**

> ***La figura del reato continuate sorse per opera dei pratici italiani del Medioevo, i quali la escogitarono per mitigare il severissimo trattamento stabilito dalle legislazione comunali per I delitti dello stess tipo, ripetuti piu' volte. Concordementi ammessa dalla dottrin precedenti alla legislazione attuale e riconosciuta in modo espresso dal codice Zandarelli, tale figura era stata abbandonata nel Progetto preliminare del codice Rocco, ma venne ripristinata nel Progetto definitive in seguito all insistenti e vive preoccupazioni che se erano manifestate per l'eccessivo rigore a cui la soppressione avrebbe dato luogo.***

**8. Notwithstanding that the concept of continuous offence in Article 18 was created for the benefit of the accused, it also comes at a heavy price for the same accused. Through this legal fiction, an accused can be charged for a string of offences in breach of the same provision of law which took place over a period of time, indeed years and this on the basis of the date of the last known crime allegedly committed. If, for the sake of argument, a person has been committing the same crime against the same person or property punishable with imprisonment of two years for the past ten years but is only apprehended a few weeks before the prescriptive period of the last committed crime, that accused may be asked to answer for all the crimes committed during the last ten years. Article 18, therefore, which is a privilege granted only to the prosecution and cannot be requested by the accused in search for a lesser punishment, can disadvantage the accused by bringing together all past acts or omissions which would have otherwise been time-barred;**

**9. Added to this prejudice, the accused is now subject to an indeterminate increase in punishment by two degrees, which as explained above in this case can be increased from six years for the original crime up to twelve years. The latter increase also has the effect of committing an accused to trial for a crime which, on its own, would have been time-barred. The accused is furthermore prejudiced by the fact that prescription is based on an uncertain punishment which may or may not be applied by the Court in its discretion. This brings to mind the caution raised by Sr. Anthony Mamo in the work cited above at page 178:**

> ***Finally, the doctrine of continuous offence, was, as we have already seen, devised by the practical jurists in order to mitigate the punishment which would otherwise be due to the offender in respect of his sever violations. Viewed against this historical background this doctrine is thus a benefit granted to the offender, <u>and must not therefore, in any circumstances, according to many authorities be turned to his disadvantage.</u> [emphasis of this Court]***
>
> **10. Indeed, the continuous offence can also be detrimental to the accused in that it is no longer possible to produce witnesses or evidence in defence thereof for those crimes which would otherwise have been time-barred. ......"**

**18.** Illi allura ma jfissirx illi bil-fatt illi l-awtur ta' għadd gmielu ta' reati li jiġi mixli fl-istess akkuża bil-kummissjoni tagħhom flimkien neċessarjament iwassal għal xi benefiċċju favur tiegħu, għalkemm l-applikazzjoni ta' din il-finzjoni legali ta'l-Istitut tar-reat kontinwat inħolqot għall-beneficcju tal-ġudikabbli.

**19**. In suċċint ghalhekk, minn eżami tad-dritt u tal-gurisprudenża in materja, l-Qorti tqis illi għandha idejha marbuta billi l-leġislatur ma għoġbux ilibbisha bis-setgħa li tagħmel dak imħolli unikament fid-diskrezzjoni ta'l-Avukat Ġenerali li f'dan il-każ għażel, fl-ewwel lok li ma jixlix lill-appellant bir-reati minnu kommessi fi żminijiet differenti fl-istess Att t'Akkuża, u imbagħad meta għażel li ma jressaqx talba quddiem il-Qorti Kriminali kif maħsub fl-artikolu 595 tal-Kodiċi Kriminali, bl-appellant igħaddi biex jammetti għall-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu fiż-żewġ każijiet. Illi allura, l-uniku setgħa li għandha din il-Qorti, bħal Qorti Kriminali qabilha, huwa illi tilqa' għall-effetti kuntrarji maħluqa bin-nuqqas ta' applikazzjoni ta'l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u dan meta tigi biex tqies l-aggravju marbut mal-piena erogata mill-Qorti Kriminali fil-konfront tal-ġudikabbli.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel aggravju imqajjem mill-appellant u tordna il-prosegwiment tas-smiegħ ta'l-appell fuq l-aggravji rimanenti.**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**